# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 21 ta' Novembru 2001**

**Avviz. numru 665/01**

**Numru 33**

**Hompesch Trading Co. Ltd.**

**vs**

**Priceclub Operators Limited (C.22704)**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' erbat elef hames mija u erbatax il-Lira Maltija u hamsa u erbghin centezmu (Lm4,514.45c) rapprezentanti prezz ta' merci konsistenti f'affarijiet tal-ikel (foodstuffs)) debitament mibjugha u kkonsenjati lis-socjeta konvenuta mis-socjeta attrici fuq inkarigu tal-istess socjeta konvenuta.

Bl-ispejjes u bl-imghaxijiet kummercjali sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikata regolarment, is-socjeta' konvenuta naqset u ma dehritx fil-14 ta' Novembru 2001 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabiex thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm4,514.45,0 bl-imghax legali mid-9 ta' Lulju 2001 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes.

Alan Calleja
Deputat Registratur